MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 259/2012

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**.

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tas-7 ta’ Novembru 2012 li wara li ppremettiet illi:-

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta’ Awwissu 1998 fir-registru pubbliku.

2. Illi l-attrici kellha problemi ta’ droga u zzewget lill-intimat mhux ghax thobbu izda biex il-posizzjoni finanzjarja taghha tkun ahjar.

3. Illi l-attrici qatt ma ghexet mal-konvenut.

4. Illi l-attrici ilha minn 1999 ma tara lill-konvenut.

5. Il-minuri Brandon D, li twieled fit-12 ta' Settembru 1999 mhuwiex iben il-konvenut.

6. Illi l-medjazzjoni giet dikjarata maghluqa u l-attrici giet awtorizzata tipprocedi b'kawza ghas-separazzjoni personali permezz tad-digriet nru 1783/12.

Talbet li din il-Qorti:-
1. Tippronunzja s-separazzjoni personali tal-kontendenti.

2. Takkorda manteniment xieraq skont il-ligi ghal attrici.

3. Tordna l-likwidazzjoni u l-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta' dokumenti tal-attrici.

Rat li l-konvenut gie notifikat bil-pubblikazzjoni u l-affissjoni baqa' ma pprezentax risposta guramentata u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat in-nota guramentata tal-attrici pprezentata fit-18 ta' Dicembru 2012 li permezz taghha iddikajarat li ma kinitx taf jekk il-konvenut kellux dhul. Iddikjarat ukoll illi ma kienx hemm assi li jaghmlu parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Rat in-nota tal-attrici tal-10 ta' Jannar 2013 li permez taghha iddikjarat illi ir-responsabbilta' ghat-tkissir taz-zwieg kienet tat-tnejn u li minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Permezz tal-kawza odjerna l-attrici qed titlob li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet, li jigi akkordat manteniment xieraq ghall-attrici u li tigi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti.

L-attrici iddikjara illi binha Brandon D mhux iben il-konvenut u li ilha ma tara lill-konvenut sa mis-sena 1999, is-sena li fiha twieled binha.

Tiddikjara wkoll illi ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejniethom jahtu iz-zewg partijiet.

Jirrizulta li l-minuri Brandon illum ghandu hmistax-il sena. Ma ngabu l-ebda provi dwar x'inhuma l-htigijiet tal-attrici u ta' binha. Ghall-kuntrarju l-attrici tiddikjara illi Brandon lanqas huwa iben il-konvenut, ghalkemm il-konvenut jidher bhala l-missier fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri.

Fil-fehma tal-Qorti id-dikjarazzjoni tal-omm illi Brandon mhux iben il-konvenut m'ghandha l-ebda konsegwenza legali u ghalhekk ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri qed tigi skartata.

Skont il-ligi l-konvenut huwa missier il-minuri Brandon u konsegwentement ghandu l-obbligu li jmantnih. Ghall-finijiet tal-quantum ta' manteniment dovut mill-missier lill-omm ghall-htigijiet tal-minuri il-Qorti arbitrio boni viri ser takkorda manteniment ta' tlett mitt ewro (€300) fix-xahar filwaqt li tiddikjara li l-attrici ddekadiet mid-dritt li titlob manteniment minghand zewgha in kwantu ammettiet hi stess illi kienet tahti ghat-tkissir taz-zwieg flimkien mal-konvenut.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi.

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni ta' bejn il-partijiet.

2. Tilqa’ parzjalment it-tieni talba billi tichad it-talba in kwantu manteniment ghall-attrici, u tilqaghha in kwantu manteniment ghall-minuri Brandon D u ghalhekk tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri Brandon D s-somma ta’ tlett mitt ewro (€300) fix-xahar.

3. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejn il-partijiet u tiddikjara li ma hemmx assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti li kienet ezistenti bejn il-partijiet x’jigu likwidati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------